MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 174/1993/1

Citazzjoni nru 174/1993

Manwel Gambin, Luigi Gambin u Grazia Spiteri

-vs-

Gori Gambin, Giuseppa Gambin, Maria armla Mizzi

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoi ta’ l-atturi fejn inghad:

“illi fil-5 ta’ Jannar 1993 miet guvni u bla testment, Giuseppe Gambin, bin il-mejtin Toni u Giuseppa nee Tabone, li jigi hu l-kontendenti li ghalhekk wirtuh ex lege fi kwoti ta’ sest indiviz kull wiehed u wahda minnhom;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar jippossjedu in komun il-beni minnhom ereditati mill-wirt tal-imsemmi huhom Giuseppe Gambin;

Illi l-kontendenti kollha barra l-konvenuta Maria armla Mizzi u l-mejjet Giuseppe Gambin kienu koproprjetarji tal-fond nru. 135, 136, 137 Triq it-Torri, Kercem, b'raba mieghu ta' circa zewgt itmien li huma kienu xtraw bil-kuntratt tat-13 ta' Marzu 1957 atti Francesco Gauci, liema fond illum ghalhekk jappartjeni lill-kondividenti kollha barra Maria Mizzi 1/7 + 1/6 of 1/7 kull wiehed u wahda u kwantu ghal 1/6 of 1/7 lill-konvenuta Maria Mizzi;

Illi l-attur Manwel Gambin u membri tal-familja tieghu pprestaw assistenzi u servigi lill-mejjet Giuseppe Gambin ghal diversi snin u huwa ghalhekk kemm personali kif ukoll bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu ghandu dritt ghall-kumpens ghal dawn is-servigi liema kumpens huwa debitu ta' l-eredita ta' l-imsemmi Giuseppe Gambin;

Illi l-esponenti ma jridux jibqghu aktar jippossjedu in komun l-fond fuq imsemmi ta' 135, 136, 137 Triq it-Torri, Kercem, bir-raba anness mieghu;

Illi l-kondividenti kollha barra Maria Mizzi, inkluz pero' l-mejjet Giuseppe Mizzi, kienu taw il-permess lill-attur Luigi Gambin sabiex jibni fuq parti mill-art komuni li kellhu jehodha akkont ta' sehmu meta jigu biex jaqsmu l-fond;

TALBU ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti

1. tillikwida l-assi ereditarju ta' l-imsemmi Giuseppe Gambin wara li tillikwida l-kumpens dovut lill-attur Manwel Gambin ghas-servigi prestati minnu u membri tal-familja lill-istess Giuseppe Gambin;

2. taqsam dan l-assi hekk likwidat bejn is-sitt kontendenti sest kull wiehed u wahda;

3. ma ghandhiex taqsam il-fond nru.135, 136, 137 Triq it-Torri, Kercem, bir-raba anness fil-porzjon ta' 1/7 +

1/6 of 1/7 kull wiehed u wahda lill-kontendenti kollha barra Maria Mizzi u 1/6 of 1/7 lill-konvenuta Maria Mizzi u f'kaz li dan mhux komodament divisibbli tordna l-bejgh tieghu in licitazzjoni barra ghall-bicca art li bena fuqha l-attur Luigi Gambin li ghandha tigi assenjata lilu akkont ta' sehmu u dana permezz ta' periti nominandi;

4. tappunta Nutar sabiex jippublika l-eventwali kuntratt ta' divizjoni u kuratur ghall-assenti

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' deskrizzjoni nru.1233/93 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Gori u Giuseppa ahwa Gambin li biha eccipew:

1. in-nullita tac-citazzjoni u dana peress illi fiha konfuzjoni ta' diversi azzjonijiet ezercitati f'citazzjoni wahda;

2. Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess huma jaqblu li ssir id-divizjoni mitluba purche' li l-ewwel jigu verifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet u purche' li l-istess Giuseppa Gambin tibqa' tirrisjedi fil-parti fil-fond fejn tirrisjedi u cioe' fil-parti bin-numru 135, Triq it-Torri, Kercem, Ghawdex, u li ghandu jigi lilha assenjat akkont ta' sehma, kif ukoll illi kull parti tressaq d-donazzjonijiet u hwejjeg mobbli li tkun hadet;

3. Illi ghar-rigward it-talba ta' kumpens, dina ghandha tigi michuda peress illi ma huwa dovut l-ebda kumpens lill-attur Manwel Gambin u fi kwalunkwe kaz jekk saru xi servigi dawna saru "familiaritatis vel pietatis causa";

4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Maria armla ta’ Salvu Mizzi fejn eccepiet:

1. li m’ghandha ebda oggezzjoni li ssir id-divizjoni tal-beni kif mitluba fic-citazzjoni basta ssir il-verifika tal-kwoti rispettivi u l-oggetti kollha li jiffurmaw parti mill-wirt in divizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi fl-4 ta’ Dicembru 2001 l-kontendenti konguntivament ipprezentaw rikors fl-atti tal-kawza, f’liema rikors inghad illi:

“Fil-mori tal-kawza huma bieghu l-fond mertu principali tal-kawza u ghalhekk dak li fadal bhala mertu tal-kawza huwa:

(1) il-likwidazzjoni u hlas ta’ servigi lil Manwel Gambin ghas-servigi u assistenzi resi minnu u minn martu lill-mejjet Giusepp Gambin li tieghu l-partijiet kollha huma eredi;

(2) li tigi stmata bicca art li kien ha l-attur Louis Gambin akkont ta’ sehemu sabiex dan ihallas lill-partijiet l-ohra sehmhom mill-valur ta’ din l-art;

Illi l-partijiet waslu ghal transazzjoni dwar il-kwistjonijiet li fadal pendenti bejnithom kif jidher mill-iskrittura annessa Dok.A;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi prevja l-inkarigu lill-Perit Tekniku biex jistma l-art li Louis Gambin kien ha akkont ta’ sehemu, tghati sentenza a tenur tal-ftheim indikat fid-dok.A.”

Illi d-dok.A inkorporanti t-transazzjoni (folio 73) testwalment taqra:

“Peress illi l-fond mertu principali ta’ din il-kawza nbiegh mill-partijiet, l-partijiet qed jifthemu li jittransigu dak li fadal pendenti f’din il-kawza kif sa jinghad:

1. Peress illi b’kuntratt tat-2 ta’ Frar 1973 atti Giuseppi Cauchi l-koproprjetarji kollha ta’ dak iz-zmien kienu accettaw illi Louis Gambin jiehu mill-art “Ta’ Gianton”, li kienet annessa mad-dar mibjugha, circa kejla mill-istess art biex jkun jista jghaqqadha ma’ bicca art ohra u jibni d-dar tieghu fuqha liema art li ma kinitx tmiss mat-triq u hija murija ahjar mal-pjanta annessa mal-kuntratt – u dana bil-kundizzjoni illi meta ssir il-qasma bejn l-ahwa dina jkun hadha akkont ta’ sehemu;

2. U peress illi la darba l-kumplament tal-fond inbiegh Louis Gambin ma jistax jiehu din l-art akkont ta’ sehmu mill-fond kollu biex izomm din l-art dan irid jhallas lill-partijiet l-ohra sehemhom mill-valur ta’ l-istess art. Il-partijiet ghalhekk qed jifthemu li jitolbu lill-Qorti tordna lill-Perit Tekniku sabiex jistma din l-art u fuq din l-istima Louis Gambin ihallas lill-koproprjetarji l-ohra sehemhom bi flus tal-valur li jigi stabbilit mill-imsemmi perit. L-istess ghandu jsir ghall-mohqriet li qieghed f’idejn Louis Gambin.

3. Ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-attur Manwel Gambin ghas-servigi resi minnu u minn martu lill-mejjet Giusepp Gambin, il-partijiet qed jifthemu illi l-istess Manwel Gambin ghandu jithallas ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu billi jiehu s-somma ta’ erbat elef erba’ mija sebgha u tmenin lira Maltin u sittax-il centenzmu (Lm4487.16) depozitati b’cedola ta’ depositu nru.98/94 fl-ismijiet “Joseph u Evangela konjugi Attard –vs- Gori Gambin” maghmula fit-2 ta’ Marzu 1994 u ghalhekk il-Qorti ghandha tawtorizza lil Manwel Gambin li jisbanka dawn il-flus hekk depozitati;

4. Il-partijiet jaqblu illi meta kien inxtara l-fond li inbiegh l-konvenut, Gori Gambin kien hareg is-somma ta’ hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) bhala parti mill-

prezz u ghalhekk din is-somma huwa ghandu johodha lura minghand il-partijiet kulhadd skond sehemu;

5. F'kaz illi dan il-ftheim ma jigix attwat fi zmien tlett xhur mid-data li fiha l-Perit jippresenta l-istima tieghu l-partijiet jaqblu li l-Qorti ghandha taghti sentenza biex jigi esegwit. F'kaz illi jkun gie esegwit qabel dan il-perjodu l-atturi ghandhom icedu din il-kawza wara li jkunu ngabru l-ispejjes kollha involuti kulhadd skond is-sehem tieghu. Wara li tigi ceduta il-kawza l-partijiet ghandhom inehhu kwalunkwe att kawtelatorju li jista' jkun ghadu veljanti.

Illi fis-27 ta' Frar 2002 fuq l-iskorta tar-rikors fuq imsemmi gie nominat l-AIC Gordon Vella sabiex jistma l-art in kwistjoni. Il-Perit Arkitett nominat ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fis-16 ta' Dicembru 2002 fejn ghadda biex jistma l-art de quo li tidher immarkata bl-ahmar fil-pjanta annessa mal-istess relazzjoni markata bhala dok.GV 174/93 A. Il-valur tal-art, kif jirrisulta mill-istess relazzjoni, senjatament a folio 82 tal-process giet stmata fl-ammont ta' Lm9,000.

Illi mill-atti processwali jirrisulta li l-kondendenti, minbarra Maria Mizzi, proprjament l-aventi kawza taghha, ghandhom jippercepixxu s-sehem kull wiehed ta' seba minn sitta u tletin (7/36) waqt li s-sehem ta' l-aventi kawza ta' Maria Mizzi hu ta' wiehed minn sitta u tletin (1/36).

Illi ghall-finijiet tad-distribuzzjoni tal-ammont bejn il-kontendenti a tenur tat-transazzjoni li sehhet, li l-Qorti qed tinkorpora u tapplikaha in toto f'din is-sentenza, u wara li hadet att tal-mohqriet li qeghdha tistmah mitt lira (Lm100) (arbitrio boni viri) u l-ammont ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) dovuti lil Gori Gambin, waslet sabiex tikkalkola l-ammont individwali ta' kull wiehed u wahda mill-kontendenti fl-ammont segwenti, u cioe:

Lm2316.666 percebibbli minn Gori Gambin;
Lm 266.666 percebibbli mill-aventi kawza ta' Maria Mizzi;
Lm1629.166 minn kull wiehed u wahda mill-kontendenti l-ohra ossija Manwel Gambin, Luigi Gambin, Giuseppa Gambin u Grazia Spiteri – prospett ta' liema qieghed jigi

anness ma’ dini s-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Fl-ahharnett tawtorizza lill-Manwel Gambin jirtira l-ammont kollu depositat fic-cedola ta’ depositu numru 98/94 fl-ismijiet “Joseph u Evangela konjugi Attard -vs- Gori Gambin” in sodisfazzjon u ghas-saldu ta’ kull dritt ta’ servigi minnu prestati lill-mejjet huh Giuzepp Gambin.

B’hekk qedha tiddisponi mill-kawza u tordna li l-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet kollha skond ir-rispettivi sehem taghom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------